MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 1314/2007

Il-Pulizija
(Sp Jessica Grima)
vs
Jonathan Micallef, iben Saviour, imwieled Pieta’ fis-16 ta’ Awwissu, 1982, karta ta’ l-identita’ numru 441282(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-25 ta’ Awwissu, 2006 għal ħabta tat-3.00 a.m. ġol-Qawra kkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Robert Azzopoardi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-ġurnata tal-25 ta' Awwissu, 2006 għal ħabta tat-3.00 a.m. l-imputat kien qed jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurta' fil-club li jismu Fuego l-Qawra. F'dak il-ħin ġewwa l-club kien hemm ukoll Robert Azzopardi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-ħin indikat inqala argument bejn żewġ gruppi ta' nies. Fil-viċinanzi ta' dan il-grupp ta' nies kien hemm żewġ uffiċjal tas-sigurta li meta raw li dan l-argument kien qed jiddegenera talbu l-għajnuna ta' sħabhom li kienu barra l-club. L-imputat kien wieħed minnhom li daħal biex jagħti l-assistenza neċessarja.

Illi Robert Azzopardi xehed li l-imputat kien waddbu mal-art u beda jagħtih bis-sieq. Din il-versjoni tal-fatti ġiet korroborata minn żewġ xhieda oħra. Konsegwenza ta' dan Robert Azzopardi sofra feriti ta' natura ħafifa.
Illi l-imputat fix-xhieda tiegħu qal li hu fl-ebda ħin ma refa' idejh fuq Robert Azzopardi iżda daħal ġewwa l-club biex jifrd iż-żewġ gruppi u fil-fatt il-grupp ta' Robert Azzopardi nħareġ mill-club biex jiġi evitat li jkun hemm problemi ikbar.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni ta' Robert Azzopardi hi aktar kredibbli u l-imputat iridi jirrispondi għal feriti ta' natura ħafifa li hu għamel fuq il-persuna ta' Robert Azzopardi.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li hu għamel feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Robert Azzopadi. Rat l-artikoli 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt euro (€100).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------